MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 58/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR P. CAMILLERI**

**VS**

**DOMENIC CUSCHIERI**

**Illum 26 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Domenic Cuschieri ta' 41 sena, bin Nazzareno u l-mejta Dolores nee' Sapiano, imwieled Pieta' fit-12 ta' Novembru 1961 u joqghod 42, Triq il-Mina tax-Xatt, Isla, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 712161 (M);

Talli fis-6 ta' Awissu 2002 ghall-habta ta' xi l-11.30am, gewwa Pjazza il-Helsien il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' Car Stereo tal-marka 'Oriton' minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAN 052 tal-marka Seat Ibiza, ghad-dannu ta' Emanuel Caruana minn Hal Ghaxaq, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli kiser il-provvediemnt ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) fis-6 ta' Novembru 2000 (Mag. Dr. Noel Cuschieri LL.D) u l-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Ottubru 2000 (Mag. Dr. Anton Mizzi LL.D.)

U aktar talli b'hekk sar jitqies recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta' Lulju 2002 (Mag. Dr. Abigail Lofaro LL.D.) u fil-25 ta' Mejju 2000 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell.

U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 2000 (Mag. Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D.) ghamel reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Wara illi rat l-Artikoli 261 (g), 271 (g), 334 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 5, 9 tal-Kapitolu 152;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma’ thalli ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati ta’ kif akkuzat, hlief ghat-tieni imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li tieghu ssibu mhux hati, stante li huwa diga qal li huwa hati ghall-imputazzjoni ta’ serq.

Rigward tal-piena, l-Qorti wara li rat ic-cirkostanzi tal-kaz, wara li rat l-istqarrija ta l-imputat, u wara li rat illi r-rifurtiva giet rikoverata, izda wara li hadet in konsiderazzjoni l-agir passat ta’ l-imputat u d-drabi illi huwa sar recediv, temmen illi piena karcerarja hija imperattiva ghal dan l-imputat.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet hlief ghat-tieni imputazzjoni, tikkundannah ghal terminu ta’ sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------